

32004D0635

30.9.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 304/38

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-21 ta' April 2004****li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, mill-parti l oħra**

(2004/635/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkonsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu ⁽¹⁾,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽²⁾,

Wara li kkonsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽³⁾,

Billi:

- (1) L-Ftehim Ewro-Mediterranju jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, mill-parti 'l oħra, iffirmit għan-nom tal-Komunità Ewropea, fil-Lussemburgu nhar il-25 ta' Ġunju 2001, għandu jkun approvat.
- (2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim li jidhru fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima III, it-Titolu IV tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea jorbot lir-Renju Unit u l-Irlanda bħala Partijiet Kontraenti separati, u mhux bħala parti mill-Komunità Ewropea, sakemm ir-Renju Unit jew l-Irlanda (skond il-każ) jinnotifikaw lir-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu li jkunu ntrabtu bħala parti mill-Komunità Ewropea skond il-protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Tratta dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea. L-istess japplika għad-Danimarka, skond il-Protokoll anness ma' dawk it-Trattati dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l

waħda, u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, mill-parti l oħra (hawnhekk iżjed l quddiem imsejjaħ il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni), flimkien ma' l-Annessi u l-Protokolli meħmuża miegħu, u d-dikjarazzjonijiet konġunti, id-dikjarazzjonijiet mill-Komunità Ewropea u l-Iskambju ta' l-tri meħmuża ma' l-Att Finali, huma b'dan approvati għan-nom tal-Komunità Ewropea.

It-testijiet li hemm referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu huma meħmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni meta dan imsemmi l-aħħar ikun ingħata s-setgħa li jaġixxi mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, għandha tkun stabbilita mill-Kunsill fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, skond id-diżpożizzjonijiet li jikkorrispondu tat-Trattati.

2. Skond l-Artikolu 75 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni l-President tal-Kunsill għandu jippresjedi fuq il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Rappresentant tal-Kummissjoni għandu jippresjedi fuq il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni skond ir-Regoli ta' Proċeduri tiegħu.

3. Id-deċiżjoni li jiġu ppublikati d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għandha tittieħed mill-Kunsill fuq il-bażi ta' każ b'każ.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill, għan-nom tal-Komunità Ewropea, huwa b'dan awtorizzat li jaħtar lill-persuni li jkollhom is-setgħa li jagħtu n-notifikazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 92 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar il-21 ta' April 2004.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. WALSH

⁽¹⁾ Il-Komunità Ewropea ħadet ir-responsabbiltà tad-drittijiet u l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea dwar il-Faħam u l-Azzar, wara li din imsemmija l-aħħar skadiet fit-23 ta' Lulju 2002 (ĠU L 194, tat-23.7.2002, p. 35).

⁽²⁾ ĠU C 304 E, tat-30.10.2001, p. 2.

⁽³⁾ ĠU C 153 E, tas-27.6.2002, p. 264.